Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 23**

**Data:** Il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Online**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Skużati**
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**23.1 Ittri ta' apoloġiji**

23.1.1 Il-President semma li s-Sur Clifford Galea Vella talab li jkun skużat minħabba li jinstab indispost.

23.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżel bħala skużat.

23.1.3 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Jesmond Aquilina talbu li jidħlu online peress li ma setgħux jattendu fiżikament.

**23.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.22**

23.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

23.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**23.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 23**

23.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev Paul Farrugia u mis-Sur Sandro Azzopardi, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 t'Ottubru 2023 u l-24 ta' Novembru 2023 li kienet tammonta għall-€314,163.40.

**23.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2024**

23.4.1 Il-President preżenta l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024. Ta spjega tal-figuri li hemm imdaħħlin fir-rapport.

23.4.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Steven Axisa, l-Eżekuttiv approva r-rapport kif preżenta.

**23.5 Komunikazzjonmi mill-President**

| | |
|---|---|
| **23.5.1 ĊaVetta** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal konferenza CaVetta organizzata minn CRPD. |
| **23.5.2 ICLEI** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tkun qed tissieħeb bħala membru fl-ICLEI. Dan wara kuntatt li kien sar |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

matul l-Open Week ġewwa Brussel.

**23.4.3 Dar Hosea**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet għamlet endorsement ta' proġett ikkommisjonat mid-Dar Hosea rigward l-vjolenza domestika.

**23.4.4 Forum Cities and Regions for International Partnership**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tipparteċipa f' dan il-forum li kien ser jinżamm Brussel bejn 29 ta' Novembru u 1 ta' Diċembru 2023.

**23.4.5 Fixed Account**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni talbet lill-Bank sabiex tingħata rata għas-sena 2024 għal fixed account. Il-President semma li meta l-Assoċjazzjoni talbet parir tal-accountant, jidher li l-AKL tista izzid l-ammont minn €600,000 għall-miljun Euro. Ir-Rata ta' intress ser tkun ta' 2.8%. Għaldaqstant, il-President propona li l-Assoċjazzjoni għandha tipproċedi kif propost. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva li jipprogressa kif suġġerit.

**23.4.6 Sitwazzjoni Finanzjarja Reġjuni**

Il-President semma li huwa jinstab konxju li diversi Kunsilli Reġjonali għalqu it-Tielet Kwart Finanzjarju b' deficit. Dan minħabba spejjeż primarjament relatati ma' skart. Il-President semma li bħala Assoċjazzjoni ijlha għal dawn l-aħħar xhur tinsiti li jkun hemm reviżjoni tal-allokazzjoni tar-Reġjuni speċjalment fejn jidħlu spejjeż relatati ma' tipping fees.

**23.4.7 Planet Youth Conference**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni reġgħet kienet mistiedna sabiex tattendi din il-lomferenza li ser issir fil-bidutas-sena 2024 ġewwa Iceland.

**23.4.8 Focus Europe**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet approvat li tidħol membru semma li ser issiru laqgħat f' Diċembru sabiex jinbdew l-ewwel proġetti li fihom l-AKL ser tkun qed tipparteċipa.

**23.4.9 Online Course for Citzen Partcipation**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet mistiedna sabiex tipparteċipa f' taħriġ li ser issir online minn ġewwa Vienna.

**23.4.10 Victim Support Agency Conference**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għall-konferenza organizzata mill-Victim Support.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **23.4.11 Procurment of Mobility and Innovation workshop** | Il-Presidet semma li l-assoċjazzjoni kienet mistiedna għal dan il-workshop u ser tkun qed tattendi. |
| **23.4.12 Application għar-residenti** | Il-President semma li kien avviċinat minn kumpanija fejn jista' jkun hemm applikazzjoni tal-mobile gaħr-residenti li tkun integrata mas-sistema ta' DVRs fuq it-trakkijiet tal-iskart sabiex wieħed ikun jaf fejn wasal it-trakk u x' ħin l-aħjar joħroġ l-iskart. Il-President semma li ser jagħddi l-kuntatt lill-Presidenti tar-Reġjuni sabiex jaraw min-naħa tar-Reġjun, il-potenzjal li tiġi żviluppata din l-applikazzjoni. |
| **23.4.13 ERA** | Il-President semma li nhar is-6 ta' Novembru 2023 saret konferenza mill-ERA fil-proċess sabiex tkun emendata Direttiva 2008/98/EC. Din id-Direttiva fuq Waste with a Focus on Food Waste. |
| **23.4.14 Christmas Teambuilding** | Il-President semma li ser ikun organizzat teambuilding bit-tema tal-Milied nhar 21 ta' Diċembru 2023. |
| **23.4.15 EU Social Economy Plan Stakeholder Roundtable** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal din roundtable. |
| **23.4.16 Road to Malta Decarbonisation** | Il-President semma li li nhar 3 ta' Novembru 2023 l-Assoċjazzjoni attendiet għal din il-konferenza. |
| **23.4.17 RIGHTS Project** | Il-President fakkar li l-Assoċjazzjoni kienet ukoll imsieħba ma' The Malta Foundation for Social Wellbeing sabiex jiġi implimentat il-proġett RIGHTS li minnu ser ikunu qed jiġu ffurmati l-Kunsilli Reġjonali ta' tfal.<br>Il-President fakkar li nhar 6 ta' Diċembru ser ikun hemm launch tal-proġett. |
| **23.4.18 LCA Training Proposal** | Il-President semma li l-għada s-Sibt 25 ta' Novembru waqt is-seminar Back to Basics kien ser jiġi varat programm propost ta' taħriġ għall-ħaddiema u l-Membri Eletti. |
| **23.4.19 ESPON Seminar** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal dan is-seminar organizzat mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Għal dan is-seminar kien hemm ukoll preżenti r-Reġjuni. |
| **23.4.20 SEM Seminar** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kif ukoll Reġjuni u Kunsilli |

| | |
|---|---|
| | Lokali ġew mistiedna sabiex jattendu għal dan is-seminar. |
| **23.4.21 Kaleci – Turkija** | Il-President semma li jixtieq jirringrazzja lir-Reġjuni tal-Port, Lvant u Punent li kienu preżenti u taw preżentazzjoni waqt il-konferenza li kien hemm f' Kaleci ġewwa t-Turkija. Semma wkoll li l-Assoċjazzjoni uriet ukoll filmat.<br>Semma li ser tkompli l-kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet ġewwa t-Turkija. |
| **23.4.23 Procura+** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet issieħbet mal-Procura+, bl-iskop li jkun hemm aktar għarfien u taħriġ fuq procurment u prattiċitajiet aktar sostenibbli ta' akwist. |
| **23.4.23 School2walk** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet mistiedna għall-konferenza organizzata minn Transport Malta nhar 11 ta' Diċembru 2023. |
| **23.4.24 Sistema ta' ICT** | Il-President semma l-Assoċjazzjoni kienet ser tkun qed terġa' iġġedded l-kuntratt ta' servizz ta' ICT sabiex inomplu bis-servizz ta' ICT li s' issa dejjem kellha l-Assoċjazzjoni. |
| **23.4.25 Intervista ta' Assistent Prinċipal** | Il-President semma li kien hemm biss applikazzjoni waħda u saru l-intervisti. Semma lil-Board tal-Għażla ma rrekomandax li l-applikant jingħata l-pożizzjoni.<br>Kien hemm qbil li terġa' toħroġ is-sejħa. |
| **23.4.26 Leave 2023** | Il-President semma li l-impjegati tal-Assoċjazzjoni ssottomettew it-talba tagħhom sabiex iġeddu sa massimu ta' 48 siegħa leave mis-sena 2023 għas-sena 2024.<br>Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana kien hemm qbil li l-ħaddiema klerkali u l-ħaddiema fi skala 16 iġġeddu l-leave lihuma talbu sabiex jiġedded. |
| **23.4.27 Rapport NAO għas-sena finanzjarja 2022** | Il-President semma li kien ippubblikat ir-rapport mill-Awditur Ġenerali għas-sena 2022. Semma li minkejja li kien hemm progress jinstab inkwetat kif sena wara oħra xorta jifdal Kunsill Lokali li ma jissottomettux ir-rappporti finanzjarji tagħhom. |
| **23.4.28 Mascot AKL** | Il-President semma li waqt il-konferenza tal-l-għada s-Sibt, 25 ta' Novembru kien ser ikun imnidi l-Mascot tal-Assoċjazzjoni. Semma li dan ser ikun Merill li l-irwol tiegħu huwa tas-Sindku. L-iskop ta' dan huwa sabiex jitqajjem aktar għarfien anki ġewwa l-iskejjel fuq l-irwol tas-Sindku u l-ħidma tal-Kunsilli Lokali. |

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**23.6 Aġġornament**

23.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tminja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-~~Ġimgħa, 25~~ ta' ~~Novembru~~ 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.25 li nżammet nhar it-Tlieta, 19 ta' Diċembru 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**